**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Denise Camilleri**

**Kumpilazzjoni numru 15/2017**

**Illum 24 ta' Frar, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Denise Camilleri** detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 550484 (M) billi hija akkuzata talli f'Settembru 2016 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tidbil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2. Xjentement ghamlet uzu minn atti, kitba jew skrittura falza;
3. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh bi hsara ta' haddiehor;
4. Bi hsara ta' haddiehor, ghamlet xi qligh iehor b'qerq.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u dan wara li kkonsultat mal-avukat Lucio Scriha li vvolontarja li jassisti lill-imputata minhabba li m'ghandhiex mezzi biex tqabbad avukat.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga lura minnha u kien biss wara li staqsietha t-tieni darba u wara li kkonsultat mal-avukat Lucio Scriha li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Semghet sottomissjonijiet mill-Prosekuzzjoni, l-Parte Civile u d-difiza fejn kien hemm qbil dwar il-parametri li l-Qorti ghandha ssegwi fis-sentenza li ghandha taghti.

In vista tal-ammissjoni imtennija tal-imputata ghall-imputazzjoni migjuba kontriha kif specifikat aktar 'il fuq, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ghajr li ssib lil imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Il-Qorti rat li l-kaz hu marbut ma' serq ta' cheque book fejn l-imputata sarrfet zewg cekkijiet wiehed ghand Pompa tal-Petrol u l-iehor f'Banka tal-Lottu u dan ghamlitu ghax kellha bzonn il-flus biex tkun tista' tiehu lil bintha ghal kura l-Ingilterra.

Il-Qorti widbet lill-*parte civile* f'dan il-kaz fejn qaltilhom li huma m'humiex awtorizzati li jsarrfu cekkijiet imbaghad ghax jingidmu jaraw li jsibu l-kenn tal-Qrati tal-Gustizzja biex jiehdu dak dovut lilhom.

Il-Qorti canfret lill-imputata ghall-fatt li ghamlet dak li ghamlet. Il-Qorti spjegatilha li jekk kellha bzonn il-flus biex tiehu lil bintha l-Ingilterra ghall-kura kif jirrizulta mic-certifikat mediku muri lill-Qorti waqt is-seduta u kellha bzonn aktar fondi minn dak li jipprovdi l-Istat kellha tirrikorri ghand il-*Malta Community Chest Fund* u *Puttinu Cares* li zgur kienu jghinuha u mhux taghmel dak li ghamlet.

Il-Qorti heggitha biex issib impjieg u mhux tistrieh fuq is-Servizzi Socjali ghaliex trid tghin ruhek biex Alla jghinek u mhux tippretendi li l-Istat jidhol garanti ghaliha meta ghandha wiehed u tletin sena, b'sahhitha u tista' tahdem. B'hekk tkun tista' tghin biex hi u bintha jghixu f'livell ta' hajja aktar dinjituz.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

---

[1] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[2] dik il-Qorti qalet hekk:

*Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe`biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha*

[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fic-cirkostanzi fil-konfront tal-imputata.

Il-Qorti zammet quddiem ghajnejja dawn il-hsibijiet lill-Magistratura[3] waqt li kienet qeghda taghrbel x'tghid il-ligi u tiddeciedi dwar l-ingredjenti tar-reati involuti:

*Id-dmir fdat f'idejkom b'servizz lin-Nazzjon għandu bħala għan tiegħu t-tħaddim tajjeb ta' qasam vitali tal-ħajja soċjali. Għalhekk nixtieq nesprimi l-istima u l-inkuraġġiment tiegħi għall-ħidma tagħkom u lejn dawk kollha li huma impenjati f'dan il-qasam b'kuxjenza retta u b'sens qawwi ta' responsabbiltà ġuridika u ċivika.*

*Nixtieq nieqaf fuq aspett etiku li l-uffiċċju tal-maġistrat jinkarna fih. F'kull pajjiż in-normi ġuridiċi għandhom l-għan li jħarsu l-libertà u l-indipendenza tal-maġistrat, biex jista' jwettaq bil-garanziji meħtieġa x-xogħol importanti u delikat tiegħu. Dan lilkom iqegħidkom f'pożizzjoni ta' importanza partikulari, biex twieġbu b'mod adegwat għall-inkarigu li s-soċjetà tafdalkom, biex timxu b'imparzjalità dejjem inkonfutabbli; biex tiddixxernu b'oġġettività u prudenza u msejsa biss fuq in-norma ġuridika ġusta; u fuq kollox biex twieġbu għal-leħen ta' kuxjenza soda mibnija fuq il-valuri fundamentali. L-indipendenza tal-maġistrat u l-oġġettività tal-ġudizzju li jesprimi, jitolbu applikazzjoni attenta u puntwali tal-liġijiet applikati fil-mument. Iċ-*

[3] Diskors lill-Membri tal-Kunsill Superjuri tal-Magistratura minn Papa Frangisku nhar it-Tlieta 17 ta' Gunju 2016

*ċertezza tad-dritt u l-bilanċ bejn id-diversi poteri ta' soċjetà demokratika jsibu s-sintesi tagħhom fil-prinċipju tal-legalità, li l-maġistrat ifittex li jħares.*

*Mill-ġudikant jiddipendu deċiżjonijiet li mhux biss jinfluwenzaw id-drittijiet u l-beni taċ-ċittadini, imma li jħallu impatt fuq l-istess ħajja tagħhom. Għalhekk, is-suġġett tal-ġudizzju, f'kull livell, għandu jkollu kwalitajiet intellettwali, psikoloġiċi u morali li jagħtu garanzija ta' affidabbiltà għal funzjoni ta' tant importanza. Fost il-kwalitajiet kollha, dik dominanti u, fil-fehma tiegħi, speċifika għall-ġudikant hi l-prudenza. Din m'hix virtù biex ma tiħux azzjoni: "Jien prudenti: ma niħux azzjoni", le! Hi virtù ta' tmexxija, virtù biex tmexxi l-affarijiet 'il quddiem, il-virtù li tgħinek tqis b'serenità r-raġunijiet tad-dritt u tal-fatt li għandhom ikunu fil-qafas ta' kull ġudizzju. Ikollok iżjed prudenza jekk tikseb bilanċ għoli interjuri, li kapaċi jaħkem fuq il-ġibdiet tal-karattru partikulari, il-veduti personali, il-konvinċimenti ideoloġiċi tiegħek.*

*Is-soċjetà ... tistenna ħafna mill-maġistratura, speċjalment fil-kuntest attwali kkaratterizzat, fost l-oħrajn, minn nixfa fil-wirt tal-valuri u mill-evoluzzjoni ta' l-istrutturi demokratiċi. Agħmluh impenn tagħkom li ma tiddeludux dak li leġittimament tistenna minnkom in-nies. Ħabirku biex tkunu dejjem iżjed eżempju ta' moralità integra għas-soċjetà kollha. M'humiex neqsin tagħlim u mudelli ta' valur għoli li minnhom tistgħu titnebbħu. Nixtieq insemmi l-figura ispiranti ta' Vittorio Bachelet, li mexxa l-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura fi żminijiet diffiċli qatigħ u spiċċa vittma tal-vjolenza ta' l-hekk imsejħa "snin taċ-ċomb"; u dik ta' Rosario Livatino, maqtul mill-Mafja, li bħalissa għaddejja l-kawża tal-beatifikazzjoni tiegħu.*

*Huma taw xhieda eżemplari ta' l-istil li għandu jkollu l-lajk fidil Nisrani: leali lejn l-istituzzjonijiet, miftuħ għad-djalogu, sod u kuraġġjuż fil-ħarsien tal-ġustizzja u d-dinjità tal-bniedem.*

Il-Qorti kif preseduta temmen li persuna ghandha tithallielha tieqa ghall-futur, *a window of opportunity*. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979)[4]:

*"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character"* (p.236)

Il-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi applikat Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li l-imputata timxi fit-triq it-tajba u taghraf ma tergax tirrepeti l-izbalji li hija kkommettiet.

**DECIDE**

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 183, 184, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ssib lil Denise Camilleri, fuq l-ammissjoni taghha stess, hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Kwantu ghall-piena l-Qorti wara li rat l-Artikoli 2, 7, 11 sa' 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai*

[4] Kif ikkwotat mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fl-Appell Kriminali Numru 178/2008 **Il-Pulizija v Rittmar Hatherly, u Justin Farrugia.**

*termini* tal-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputata taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum, liema ordni huwa suggett ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-Digrieti moghtija llum stess u annessi ma' din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputata bi kliem car u li jiftiehem, l-effetti tal-ordnijiet ta' *probation* u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'kaz li tonqos milli tikkonferma ruhha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kundizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' *probation,* tista' tinghata sentenza ghar-reati li taghhom instabet hatja b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' *probation* moghtija b'Digrieti ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputata Denise Camilleri.

Il-Qorti qieghda tirreferi ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Ayman Khalaf** moghtija fid-9 ta' Settembru 2002:

> **"Din il-Qorti hi tal-fehma li ordni ghal kumpens taht l-imsemmi Artikolu 28H (kif ukoll ordni ghal kumpens taht l-Artikolu 11(1) ta' l-Att dwar il-*Probation* tal-Hatjin, Kap. 152) ghandu jsir biss meta l-*quantum* ikun car, jew meta**

**jkun hemm qbil bejn il-partijiet dwar l-istess** ***quantum*****:** ***In*** **R. v. Vivian,** ***68 Cr.App.R. 53, the Court of Appeal stated that "no order for compensation should be made unless the sum claimed by way of compensation is either agreed or proved"... Although it is open to the court to hear evidence in order to determine questions as to the fact or the amount of loss, the Court of Appeal has discouraged criminal courts from embarking on complicated investigations. See*** **R. v. Kneeshaw,** ***58 Cr.App.R. 439;*** **Hyde v. Emery,** ***6 Cr.App.R.(S.) 206;*** **R. v. Briscoe,** ***15 Cr.App.R.(S.) 699; and*** **R. v. White** ***[1996] 2 Cr. App.R.(S.) 58*** **(*****Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 2001*** **Sweet & Maxwell (London), 2001, paras. 5-418, 5-419.) U Lord Justice Eveleigh, fil-kaz** ***R. v. Donovan*** **(1981) 3 Cr.App.R.(S.) 192 esprima ruhhu hekk:** ***"A compensation order is designed for the simple, straightforward case where the amount of the compensation can be readily and easily ascertained."*****(*****Blackstone's Criminal Practice 2001*** **Blackstone Press Limited (London) , 2001, p. 1899, para. E18.6.)**

**"Fil-kaz presenti din il-Qorti hi tal-fehma li ma kienx hemm provi sufficjenti li jiggustifikaw ordni fl-ammont li gie ordnat mill-ewwel qorti, jew addirittura f'xi ammont iehor partikolari. L-ammont tal-hsara, u l-konsegwenti kumpens ghalih, kellu jithalla biex jigi stabbilit fi proceduri civili. Ghalhekk din il-Qorti ser tirrevoka l-ordni ghall-kumpens."**

Stante li d-danni sofferti mill-parte civile Mario Mallia u Edwin Spiteri huma stabiliti wara li l-Qorti rat Artikolu 24(2) tal-Kap 446 tordna lil Denise Camilleri biex thallas lil Mario Mallia s-somma ta' elefejn disa' mija u hamsa u erbghin ewro (€2945) u lil Edwin Spiteri s-somma ta' disa' mija u hamsin ewro (€950), liema hlas irid jithallas mija u hamsin

ewro (€150) fix-xahar lil Mario Mallia u x'hin jithallas l-ammont lil Mallia, tibda thallas bl-istess rata lil Edwin Spiteri.

Fl-ahharnett minhabba c-cirkostanzi tal-kaz tordna divjet fuq l-isem tal-imputat f'kull mezz ta' komunikazzjoni.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**